21 ta' Jannar, 1954.

Imhallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Andrea Spiteri versus A.I.Ċivili Edward Vassallo et.

**Appalt — Perit — Mandat — Art. 1961, 1970 u 1972 tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-inkarigu moghti lill-perit fil-kwalità tieghu professjonali biex jiehu hsieb tar-rikostruzzjoni ta' fond, aktar minn "locatio operarum", ghandu minn natura tal-mandat; u konsegwentement ir-relazzjonijiet bejn il-perit u l-persuna li taghtu l-inkarigu ghandhom jigu governati mir-regoli tal-mandat.*

*Jekk persuna tigi mqabbda li taghmel xi haga fil-kors ordinarju tal-professjoni jew xoghol taghha, minghajr ma jigu espressament limitati s-setghat taghha, jitqies li lil dina l-persuna nghatat s-setgha li taghmel dak kollu li jinhtilha mehtieg ghall-eżekuzzjoni tal-mandat, u li skond is-sorta tal-professjoni jew tax-xoghol hawn imsemmija jista' jigi maghmul minnha.*

*Il-mandant jista', ghall-eżekuzzjoni tal-kuntratt, jagixxi direttament kontra dak li mieghu l-mandatarju f'din il-kwalità tieghu ikun ikkuntratta; u dana bhala konsegwenza tal-principju illi l-mandatarju ma jikkuntrattax, izda jinterponi l-opera tieghu f'isem il-mandant, li ghalhekk ghandu jitqies bhala dak li kkuntratta.*

*Konsegwentement, jekk il-perit, li gie nkarikat minn sid il-fond biex jiehu hsieb tar-rikostruzzjoni tieghu, iqabbad bennej ghal dik ir-rikostruzzjoni, dak il-bennej jista' jagixxi kontra s-sid ghall-hlas tax-xoghol tieghu; u ma jistax is-sid jippretendi li lil dak il-bennej ma jafux, u li ghalhekk ghandu jigi liberat minn dik it-talba, sija pure "ab observantia".*

*Langas jista' dak is-sid jippretendi li l-perit eċċeda mill-mandat, ghax il-bennej huwa terza persuna li mhix milquta mill-eċċess tal-mandat sakemm is-sid ma jippruvax li dak il-bennej kien jaf b'dak l-eċċess; u dan aktar u aktar jekk is-sid ikun aċċetta l-vantaggi derivanti mill-pretiż aċċess, u jkun qieghed igawdihom.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet mehtiega u moghtija l-provvedimenti opportuni, peress li l-attur gie inkarigat mill-konvenut Perit Vas-

saiio biex jagħmel ix-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni fil-fond 139 u 140 Triq San Ġwann, Kospikwa, proprjetà tal-konvenut Jacono; u peress li l-attur mill-prezz ta' dan ix-xogħol fadallu jirċievi bilanċ ta' £180, liema somma l-ebda wieħed mill-konvenuti ma jrid iħallas, non ostanti li ġew interpellati diversi drabi biex iħallsu; talab li l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu minn din l-Onorabbli Qorti kundannati jħallsu lill-attur is-somma ta' £180, bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' rikostruzzjoni tal-fondi 139 u 140, Triq San Ġwann, Kospikwa. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-3 ta' Ottubru 1952, u bl-imgħax;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni mogħtija mill-konvenut Jacono, li huwa ma kellu qatt ebda relazzjoni ma' l-attur, li għalhekk hu għandu jiġi liberat "ab observantia";

Illi l-inkariku mogħti minn Jacono lill-konvenut l-ieħor I.C.A. Edward Vassallo ġie lilu mogħti fil-kwalità tiegħu professjonali ta' Inġinier Ċivili u Arkitett, sabiex jieħu ħsieb ir-rikostruzzjoni tal-fond fuq imsemmi, bħal ma kien qiegħed ġa jagħmel fl-interess tal-proprjetarji ta' bini ieħor limitrofu. Dana l-inkarigu, skond il-liġi tagħna (art. 1961 u 1970 tal-Kodiċi Ċivili), aktar minn "locatio operarum", għandu n-natura tal-mandat (v. P.A. 9. 1. 1953 in re "Joseph Stivala vs. Prof. Joseph Colombo, I.C.A."); u konsegwentement ir-relazzjonijiet bejn il-konvenuti għandhom jiġu governati mir-regoli tal-mandat;

Illi skond l-art. 1970 (Kodiċi Ċivili), "meta persuna tiġi mqabbda biex tagħmel ħaġa fil-kors ordinarju tal-professjoni jew xogħol tagħha, mingħajr ma jiġu espressament limitati s-setgħat tagħha, jitqies li lil dina l-persuna ngħatat is-setgħa li tagħmel dak kollu li jidhrilha meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-mandat, u li, skond ix-xorta tal-professjoni jew tax-xogħol hawn fuq imsemmijin, jista' jiġi magħmul minnha"; u l-konvenut Vassallo, bis-saħħa ta' l-inkarigu lilu mogħti mill-konvenut Jacono, qabbad lill-attur għax-xogħol ta' bennej;

Illi, skond l-art. 1972, "il-mandant jista', għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt, jaġixxi direttament kontra dak li miegħu l-mandatarju f'din il-kwalità tiegħu jkun ikkuntratta"; liema

dispożizzjoni hija konsegwenza tal-prinċipju illi l-mandatarju ma jikkuntrattax, iżda jinterponi l-opera tiegħu f'isem il-mandant li għalhekk għandu jitqies bħala dak li kkuntratta. "E il mandante", igħid Laurent, "che stipula e si obbliga; è dunque egli solo che può agire, come egli solo può essere convenuto" (Diritto Civile, Vol. XXVIII, § 43). Din hija wkoll il-fehma tal-Pacifici Mazzoni (Istituzioni, Vol. V, § 236). In konklużjoni, kif jinnota Ricci, "il mandatario resta estraneo alla contratta obbligazione; e come esso non ha azione verso la persona colla quale ha contrattato, così costei non l'ha verso di lui" (Diritto Civile, Vol. IX, § 74). L-unika kondizzjoni biex dana jseħħ hija li l-mandatarju jkun ikkuntratta mhux f'ismu, iżda bħala mandatarju;

Illi, fil-każ taħt eżami, ġie pruvat illi fil-kors tax-xogħol il-perit Vassallo ppreżenta lill-konvenut Jacono lill-attur bħala l-inġinier tax-xogħol in kwistjoni.......... Dana jiġri li l-attur, barra milli ġie informat mill-perit Vassallo, kien jaf li x-xogħol kien qiegħed isir għall-konvenut Jacono, u li l-perit kien imqabbad minn Jacono. Konferma ta' dan insibuha fil-fatt, konoxxut mill-attur, li ċjoè l-flus..........;

Illi ladarba l-konvenut Vassallo ma aġixxiex ma' l-attur f'ismu, imma f'isem il-konvenut Jacono, u bħala mandatarju tiegħu, stabbilew bejniethom rapporti diretti, bejn l-attur u Jacono; li għalhekk ma jistax jippretendi l-liberazzjoni tiegħu, sija pure "ab observantia";

Illi lanqas jista' l-istess Jacono jippretendi li l-perit Vassalo eċċeda mill-mandat, għaliex l-attur, f'dina l-operazzjoni, huwa terza persuna, u kwindi mhux milqut bil-konsegwenzi ta' dan l-eċċess, sakemm Jacono ma jippruvax li l-attur kien jaf b'dak l-eċċess. "Di fronte ai terzi", igħid Pacifici Mazzoni, "reputasi fatto nei limiti del mandato ogni atto compreso nei termini del medesimo. Questa regola è applicabile riguardo ad essi anche nel caso che il mandatario in realtà abbia ecceduto i limiti dei suoi poteri per circostanze a loro ignote" (op. e loc. cit.). Barra minn dan, hemm ukoll il-konsiderazzjoni li l-konvenut Jacono aċċetta l-vantaggi derivanti mill-prezz eċċess tal-mandat u qiegħed igawdihom (v.

każ simili riportat fil-Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 1752, § 37) ;

Għal dawn ir-raġunijiet ;

Tirrespinġi l-imsemmija eċċezzjoni tal-konvenut Jacono, bl-ispejjeż kontra tiegħu ;

U tiddifferixxi l-kawża għall-udjenza tat-18 ta' Marzu 1954, biex titkompla fil-meritu.